# MALTI

# Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji

Dipartiment tal-Kurrikulu, Floriana

# IT-TIENI SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# GĦAT-TIENI SENA

| 2.1 SMIGĦ | 2.2 TAĦDIT | 2.3 QARI | 2.4 KITBA |
|---|---|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni testi qosra li jkun fihom aktar minn aspett wieħed ta' tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jitkellmu u jagħtu dettalji li jkunu ħadu direttament minn tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | **Jaqraw kliem, sentenzi u stejjer qosra.** | **Jiżviluppaw il-ħila tal-kitba b'sentenzi bis-sens u li juru binja sintattika sempliċi.** |
| **2.1.1** Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni. | **2.2.1** Jagħmlu użu minn dak li jkunu semgħu f'taħdit quddiem udjenza/i. | **2.3.1** Jaqraw kliem, sentenzi, stejjer, taqbiliet, poeżiji u testi ta' drama biex iqabblu s- simboli tal-kelma miktuba mal-binja fonika.. | **2.4.1** Juru l-ħila fil-kitba ta' sentenzi qsar. |
| Juru li fehmu t-testi li semgħu u li jagħrfu jipprevedu x'ġej minn sekwenzi li jkunu semgħu. | Iwasslu fi kliemhom il-messaġġi li jisiltu minn tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ġabru mis-smigħ. | Juru l-ħila li jassoċjaw u jqabblu l-kelma miktuba ma' dik mismugħa/mitkellma. | Juru li jafu l-punteġġjatura fil-bidu u fl-aħħar tas-sentenza. |
| Juru li fehmu bi tweġib verbali u mhux verbali għall-mistoqsijiet magħmula dwar dak li semgħu. | Jirrepetu taqbiliet, għanjiet u poeżiji mill-memorja. | Juru li għandhom il-ħila jaqraw kliem u sentenzi sempliċi f'kuntesti ta' stejjer. | Juru li jafu jiktbu b'koerenza sentenzi sħaħ. |
| | Jgħidu fi kliemhom u fil-qosor l-istejjer u tagħrif ieħor mislut minn dak kollu li jkunu semgħu. | Juru li jaqraw bis-sens u b'ritmu tajjeb testi ta' ġeneri varji quddiem udjenza/i. | Juru li jafu jsenslu grupp ta' sentenzi fejn juru assoċjazzjoni ta' ideat u sekwenza. |
| | | Juru li, f'kuntest ta' storja, jagħrfu r-rwol/i ta' karattru/i u jaslu biex jagħtu tonalità lid-diskors fid-djalogi. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2.1.2** Juru l-ħila li jqabblu stampi/grafika ma' testi/stejjer fejn juru li fehmu l-assoċjazzjoni ta' l-ideat u s-sekwenza. | **2.2.2** Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti u oħrajn inferenzjali ħfief. | **2.3.2** Jagħrfu li mill-kelma miktuba f'kuntest hemm tifsir dirett u indirett. | **2.4.2** Iwasslu tifsir minn kliem, sentenzi u stejjer qosra. |
| Juru l-ħila li jsegwu b'konċentrazzjoni testi rrimati f'taqbiliet, għanjiet u poeżiji. | Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti dwar testi li jkunu semgħu. | Juru l-ħila li jagħtu sunt/tifsira ta' dak li jkunu qraw, megħjuna minn mistoqsijiet. | Juru li jafu jpinġu mill-immaġinazzjoni tagħhom sitwazzjonijet sempliċi mqanqla minn stejjer u avvenimenti li jkunu semgħu qraw jew esperjenzaw. |
| Juru l-ħila li jagħtu kliem li jirrima fejn ikun nieqes fil-versi mismugħa. | Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti fil-kuntest tal-ħajja ta' kuljum. | Jagħrfu jaqraw partijiet mit-test biex iwieġbu mistoqsijiet relatati. | Juru li jafu jiktbu sentenzi qsar imqanqla minn tpinġija/grafika abbinati ma' storja. |
| | Iwieġbu għal mistoqsijiet anqas diretti (inferenzjali) fil-kompetenza u fil-livell tagħhom. | | |
| | Jagħmlu talbiet għal ħtiġiet bażiċi u għal kull għajnuna oħra meħtieġa. | | |
| **Juru ħila li jikkonċentraw fuq kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrifa mogħtija fil-klassi, fuq kull tislim u kull djalogu.** | **Jitkellmu fi gruppi taħt it-tmexxija ta' l-għalliem/a bil-għan li juru fehemthom dwar tema.** | **Jagħrfu, jaqraw u jifhmu messaġġi f'reklami u grafika oħra marbuta ma' l-ambjent.** | **Jiktbu sentenzi fejn mhux biss jiktbu isimhom u kunjomhom iżda ismijiet oħrajn ukoll.** |
| **2.1.3** Jifhmu li l-interazzjoni soċjali fil-klassi tinkiseb billi jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif. | **2.2.3** Jitkellmu dwar dak li jogħġobhom/ma jogħġobhomx fil-kuntest skolastiku. | **2.3.3** Jagħrfu jaqraw u jfissru l-fehem ta' messaġġi mwassla minn sinjali fit-toroq, tabelli u avviżi pubbliċi li jkunu esposti għalihom. | **2.4.3** Jiktbu l-ismijiet tal-membri tal-familja abbinati ma' l-omm, il-missier, l-aħwa u n-nanniet. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jisimgħu u jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem. | Fi gruppi jisimgħu lil xulxin jitkellmu dwar temi fejn individwalment jagħtu fehemthom. | Jaqraw tipi ta' inviti varji, messaġġi f'kartolini u f'avviżi u juru l-ħila li jagħtu sunt fi kliemhom. | Jiktbu dettalji qsar fuq inviti ppreparati bħala taħriġ. |
| | Waqt kull diskussjoni u/jew konverżazzjoni jagħmlu mistoqsijiet rilevanti mat-tema. | | Jiktbu sentenzi qsar li jidentifikaw familjari u ħbieb. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | **It-Tqanqil mill-Vokabularju** |
| **2.1.4** Aktar mat-tfal jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn tfal oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | **2.2.4** Għandhom jingħataw kull opportunità biex dak li jisimgħu jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u bħala grupp. Għandhom jitkellmu u jagħtu kemm sunti kif ukoll jistqarru opinjonijiet dwar testi kemm mismugħa kif ukoll dwar ġrajjiet fil-ħajja ta' kuljum. | **2.3.4** Il-vokabularju jissaħħaħ aktar bil-qari għall-gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk għandhom kostantement jinħolqu opportunitajiet fejn it-tfal jaqraw mhux biss quddiem sħabhom fil-klassi, iżda quddiem udjenzi varji wkoll. | **2.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra.<br>It-tfal għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, l-ewwel b'mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** |
| **2.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u lejn il-wiri ta' episodji mill-medja viżiva u mill-films. | **2.2.5** Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti importanti minn dak li semgħu jew segwew. | **2.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju preferit fil-livell tagħhom. | **2.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat żgħar ta' sentenzi dwar dak li semgħu jew qraw. |
| **2.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet u drama. | **2.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom u jiddiskutuhom. | **2.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom u juru li jafu jagħtu sunt verbali ta' dak li qraw. | **2.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' ftit sentenzi f'sekwenza. |

# PROGRAMM

# TAT-TIENI SENA

## 2.1 SMIGĦ

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jisimgħu b'attenzjoni testi qosra li jkun fihom aktar minn aspett wieħed ta' tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | Għandhom jitlaqqgħu ma' testi, stejjer, djalogi, drama sempliċi biex jitqanqal l-interess li jkun il-qofol ta' l-attenzjoni u l-konċentrazzjoni. |
| **2.1.1** Jisimgħu b'attenzjoni u b'konċentrazzjoni. | Isir użu ta' narratur ***(Story Teller)*** għal rakkontar. |
| Juru li fehmu t-testi li semgħu u li jagħrfu jipprevedu x'ġej minn sekwenzi li jkunu semgħu. | Waqt l-andament ta' l-eżerċizzji tas-smigħ wieħed għandu jieqaf u jistaqsi lit-tfal biex jipprevedu x'jista' jkun ġej. |
| Juru li fehmu bi tweġibiet verbali u mhux verbali għall-mistoqsijiet magħmula dwar dak li semgħu. | Għandhom jingħataw kull opportunità li juru l-fehem billi jsirulhom mistoqsijiet. |
| **2.1.2** Juru l-ħila li jqabblu stampi/grafika ma' testi/stejjer fejn juru li fehmu l-assoċjazzjoni ta' l-ideat u s-sekwenza. | L-iskop ta' l-użu ta' l-istampi huwa biex jitkejjel il-fehem u l-qabda mit-tfal tas-sekwenza ta' l-ideat. |
| Juru l-ħila li jsegwu b'konċentrazzjoni testi rrimati f'taqbiliet, għanjiet u poeżiji. | Għandhom jintalbu jkomplu xi vers/versi wara ħafna ripetizzjonijiet. |
| Juru l-ħila li jagħtu kliem li jirrima fejn ikun nieqes fil-versi mismugħa | Għandhom jingħataw versi biex jitkomplew bir-rima billi tiddaħħal il-kelma nieqsa. |
| **Joqogħdu attenti u jikkonċentraw fuq kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif mogħtija fil-klassi, fuq kull tislim u kull djalogu.** | L-attenzjoni u l-konċentrazzjoni tat-tfal fuq struzzjoni, direzzjoni u tagħrif titkejjel mir-riżultati fuq l-imġiba u mill-ħidma pożittiva fil-klassi. |
| **2.1.3** Jifhmu li l-interazzjoni soċjali fil-klassi tinkiseb billi jsegwu kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif. | Issir enfasi fuq attivitajiet/movimenti/taħriġiet biex it-tfal jidħlu bla tbatija fir-rutina u fl-organizzazzjoni u l-ordni fil-klassi. Issir enfasi fuq it-TPR (Ara L-Ewwel Sena 1.1.1.) |
| Jisimgħu u jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem. | Ħabbat mal-bieb. Iftaħ it-tieqa. Dan ix-xogħol għal għada. Mur bil-qiegħda. Għolli subgħajk. Għada ġibu ħames ċenteżmi. Iftħu l-ktieb tal-Malti. Sibu paġna… Ġorġ ibda aqra. |
| **L-Akkwist tal-Vokabularju** | |
| **2.1.4** Aktar mat-tfal jitlaqqgħu ma' testi mismugħa aktar ikunu qed jingħataw opportunitajiet biex iwessgħu l-vokabularju tagħhom. Għalhekk, barra mill-qari ta' testi sew mill-għalliem/a kif ukoll minn tfal oħrajn, ikun hemm ħtieġa akbar ta' tlaqqigħ mal-lingwa permezz ta' smigħ ta' testi minn fuq il-medja. | Ikun tajjeb li jissemma' tagħrif mill-medja bħal: rapport tat-temp; reklami, aħbarijiet, eċċ.<br>Ikun tajjeb ukoll li minn fuq il-medja viżiva jsegwu xi episodji minn films u/jew xi teleserje.<br>Xi kultant xi diska Maltija ***in voga*** tkun ukoll sors kemm t' akkwist kif ukoll ta' tisħiħ tal-vokabularju. |

| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
|---|---|
| **2.1.5** Juru l-ħerqa favur is-smigħ ta' stejjer u lejn il-wiri ta' episodji mill-medja viżiva u films. | Fl-ambjent tal-librerija kemm fil-klassi, fl-iskola u barra wkoll għandhom jingħataw opportunitajiet ta' smigħ ta' testi biex isawru l-imħabba lejn ġeneri differenti ta' letteratura. |
| **2.1.6** Juru l-preferenzi tagħhom dwar stejjer, għanjiet, taqbiliet, drama. | |

## 2.2 TAĦDIT

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jitkellmu u jagħtu dettalji li jkunu ħadu direttament minn tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.** | |
| **2.2.1** Jagħmlu użu minn dak li jkunu semgħu f'taħdit quddiem udjenza/i. | Jingħataw kull opportunità biex jitkellmu dwar dak li jkunu semgħu. Jagħtu kemm kummenti kif ukoll sunti verbali fuq punti importanti. |
| Iwasslu fi kliemhom il-messaġġi li jisiltu mit-tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ġabru mis-smigħ. | Wieħed jisħaq biex it-tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ngħataw iwassluhom lil ħaddieħor b'diskors indirett bl-użu ta': Qal, Qalet, Qalu, Qallek, Qaltlek, Qalli, Qaltli, Qalilna, Qaltilna, eċċ. **Eż:** Qalli biex immur… Qaltli biex niġbor… Qalet li sejra… **Dawn għandhom ikunu dejjem inkoraġġiti minn mistoqsijet.** |
| Jirrepetu taqbiliet, għanjiet u poeżiji mill-memorja. | Ir-ripetizzjoni hija importanti għall-akkwist ta' vokabularju u l-ħażna ta' ideat u ta' għerf. Jingħadu jew jitkomplew mill-memorja versi jew partijiet minnhom biex it-tfal juru li jħossu r-ritmu u r-rima. |
| Jgħidu fi kliemhom u fil-qosor l-istejjer u tagħrif ieħor mislut minn dak kollu li jkunu semgħu. | Wieħed jisħaq li t-tfal jagħtu sunti fi kliemhom dwar testi mismugħa. |
| **2.2.2** Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti u oħrajn inferenzjali ħfief. | Hawn għandu jidħol gradwalment taħriġ il-fehim mis-smigħ. |
| Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti dwar testi li jkunu semgħu. | |
| Iwieġbu għal mistoqsijiet diretti fil-kuntest tal-ħajja ta' kuljum. | Jitqanqal it-taħdit fuq mistoqsijiet bħal: **Min? Fejn? Meta? X'ġara?** biex it-tfal jibdew jirrakkontaw l-esperjenzi. |
| Iwieġbu għal mistoqsijiet anqas diretti (inferenzjali) fil-kompetenza u fil-livell tagħhom. | Iwieġbu għal mistoqsijiet ta' xeħta inferenzjali ħalli jitwessa' l-livell ta' fehem. |
| Jagħmlu talbiet għal ħtiġiet bażiċi u għal kull għajnuna oħra meħtieġa. | Bħal ta' l-Ewwel Sena |

| | |
|---|---|
| **Jitkellmu fi gruppi taħt it-tmexxija ta’ l-għalliem/a bil-għan li juru fehemthom dwar tema.** | |
| **2.2.3** Jitkellmu dwar dak li jogħġobhom/ma jogħġobhomx fil-kuntest skolastiku. | Permezz ta’ mistoqsijiet diretti l-għalliema jibdew diskussjoni fuq temi sempliċi li jirrigwardjaw il-klassi u l-iskola. |
| Fi gruppi jisimgħu lil xulxin jitkellmu dwar temi fejn jagħtu fehemthom individwalment. | Jagħtu fehemthom dwar l-esperjenzi tagħhom fl-ambjent tal-familja, ħruġ, logħob, eċċ. Għandhom jagħmlu referenzi għal aħbarijiet, rapporti tat-temp, avviżi ġenerali u programmi tat-TV. |
| Waqt kull diskussjoni u/jew konversazzjoni jagħmlu mistoqsijiet rilevanti għat-tema. | Jitħeġġu biex huma stess jagħmlu mistoqsijiet diretti u relevanti għat-tema. |
| **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **2.2.4** Juru li dak li jisimgħu jkunu kapaċi jirrepetuh fil-klassi kemm individwalment u bħala grupp. Juru li jafu jagħtu kemm sunti kif ukoll jistqarru opinjonijiet dwar testi mismugħa u dwar ġrajjiet fil-ħajja ta’ kuljum. | Fil-klassi minn bikri filgħodu jitħallew jirrepetu sew dak li jkun intgħallem kif ukoll jesprimu ruħhom dwar kull ħaġa li hija ta’ esperjenza għalihom. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **2.2.5** Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti importanti minn dak li semgħu jew segwew. | Jitħeġġu jitkellmu quddiem udjenza/i u anke jitħarrġu biex joqogħdu għal xi intervista/i. |
| **2.2.6** Juru l-preferenzi tagħhom u jiddiskutuhom. | |

## 2.3 QARI

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jaqraw kliem, sentenzi u stejjer qosra biex aktar jiskopru l-ittri ta' l-alfabett.** | **Il-qari għandu jsir fi gruppi, bħala klassi sħiħa u individwalment. Wieħed għandu jisħaq fuq Qari Silenzjuż Strutturat *(Structured Silent Reading)*.** |
| **2.3.1** Jaqraw kliem, sentenzi, stejjer, taqbiliet, poeżiji u testi ta' drama biex iqabblu s-simboli tal-kelma miktuba mal-binja fonika. | Wieħed irid iwasssal lit-tfal biex jakkwistaw il-ħila li jqabblu sew is-simboli grafiċi tal-kliem miktub mal-ħsejjes fil-binja tal-kliem mitkellem. |
| Juru l-ħila li jassoċjaw u jqabblu l-kelma miktuba ma' dik mismugħa/mitkellma. | Għall-ewwel dan għandu jsir permezz ta' stampi abbinati ma' sentenzi qsar, anke f'sekwenzi. Dawn jgħinu kemm il-qari kif ukoll il-fehem. |
| Juru li għandhom il-ħila jaqraw kliem u sentenzi sempliċi f'kuntesti ta' stejjer. | |
| Juru li jaqraw bis-sens u b'ritmu tajjeb testi ta' ġeneri varji quddiem udjenza/i. | L-għalliema jgħinu biex it-tfal jakkwistaw ritmu, elokwenza u sens fil-qari billi jaqrawlhom u jirrepetulhom testi bħala mudelli. It-tfal jitħallew jaqraw quddiem sħabhom fil-klassi u fil-laqgħat ta' filgħodu kull xorta ta' qari anke dak miktub minnhom. |
| Juru li f'kuntest ta' storja jagħrfu r-rwol/i ta' karattru/i u jaslu biex jagħtu tonalità lid-diskors fid-djalogi. | Jingħataw kull opportunità ta' reċtar fi rwoli ta' karattri f'testi ta' drama. |
| **2.3.2** Jagħrfu li mill-kelma miktuba f'kuntest hemm tifsir dirett u indirett. | Permezz ta' mistoqsijiet diretti u ta' xejra inferenzjali wieħed għandu jislet tifsir ta' kliem u frażijiet mill-kuntest. |
| Juru l-ħila li jagħtu sunt/tifsira ta' dak li jkunu qraw, megħjuna minn mistoqsijiet. | Il-mistoqsijiet għandhom ikunu l-aktar mezz qawwi biex jinsilet il-fehem. |
| Jagħrfu jaqraw partijiet mit-test biex iwieġbu mistoqsijiet relatati. | Jitħarrġu sewwa biex mad-daqqa t'għajn ikunu jafu jsibu partijiet minn test li jkunu relevanti għall-mistoqsijiet. |

| | |
|---|---|
| **Jagħrfu, jaqraw u jifhmu messaġġi f'reklami u grafika oħra marbuta ma' l-ambjent.** | |
| **2.3.3** Jagħrfu jaqraw u jfissru l-fehem ta' messaġġi mwassla minn sinjali fit-toroq, tabelli u avviżi pubbliċi li jkunu esposti għalihom. | Jintwerew simboli grafiċi u tabelli mill-ambjent (*zebra crossing*, dwal tat-traffiku, salib aħmar fuq ambulanza, sigarett maqtugħ, tfal qed jaqsmu, eċċ.) jaqrawhom u jfissruhom. |
| Jaqraw tipi ta' inviti varji, messaġġi f'kartolini u f'avviżi u li juru l-ħila li jagħtu sunt fi kliemhom. | Iġibu invit, kartolini, avviżi u jaqrawhom. Jingħataw avviżi mill-gazzetti, perjodiċi u magazins, jaqrawhom u jfissruhom. Jitħarrġu jagħtu sunti: Irċevejt invit mingħand…. Il-festin ser isir… Irċevejt kartolina mingħand… Il-kappillan/Is-surmast/Is-sindku javża li… Is-sinjora trid… L-għalliema tavża… Fit-triq hemm avviż. Hemm miktub "Tarmix żibel hawn/barra". |
| **It-Tisħiħ tal-Vokabularju** | |
| **2.3.4** Il-vokabularju jissaħħah aktar bil-qari għall-gost mingħajr sfurzar u bl-akbar inkoraġġiment. Għalhekk għandhom kostantement jinħolqu opportunitajiet fejn it-tfal jaqraw mhux biss quddiem sħabhom fil-klassi, iżda quddiem udjenzi varji wkoll. | Aktar ma jinħolqulhom opportunitajiet ta' qari, spazji biex jesprimu ruħhom dwar dak li qraw, semgħu jew esperjenzaw, aktar hemm lok għal tisħiħ tal-vokabularju. Il-kuntesti li joħolqu huma stess jiswew mitqilhom deheb. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **2.3.5** Juru li għandhom il-ħajriet personali dwar l-għażla ta' kotba u l-ġeneru letterarju ppreferit fil-livell tagħhom. | L-għalliema għandhom jintroduċu lit-tfal ma' l-ambjent tal-librerija fil-klassi, ma' dik fl-iskola, u fejn hemm, ma' dik reġjonali. |
| **2.3.6** Juru l-preferenzi tagħhom u juru li jafu jagħtu sunt verbali ta' dak li qraw. | Għandhom jitħallew jesprimu ruħhom dwar għażliet ta' kotba, iżda jfittxu l-gwida ta' l-għalliema tagħhom. |
| **L-Imġiba favur il-Qari** | |
| **2.3.7** Juru aktar għarfien tal-konvenzjoni tal-ktieb. | Ikunu jafu t-titlu, l-awtur, il-werrej u l-użu tiegħu. |
| Juru li għandhom gosti għal ġeneri partikolari ta' letteratura. | |
| Jagħrfu li l-libreriji fil-klassi, fl-iskola u fil-belt jew fir-raħal huma sorsi li jħajruhom għall-qari u għall-kitba. | |

## 2.4 KITBA

| Tagħlim Milħuq | Noti |
|---|---|
| **Jiżviluppaw il-ħila tal-kitba b'sentenzi bis-sens u li juru binja sintattika sempliċi.** | |
| **2.4.1** Juru l-ħila fil-kitba ta' sentenzi qsar. | Għandha ssir enfasi fuq il-binja sintattika sempliċi. Jiktbu dwarhom infushom, il-familjari, l-annimali, il-ġugarelli u xi avvenimenti li jolqtuhom mill-qrib. Għandu jsir użu mill-pronomi Jien/a, Int/i, Aħna, u d-dimostrativi Din, Dan, Dawn, Dik, Dak, Dawk.<br>Jiena tifla. Jisimni Marta. Niġi l-iskola. Din l-iskola.<br>Jisimni Marko. Jiena ħabib ta' Marta. Niġi l-iskola. Din il-klassi. |
| Juru li jafu l-punteġġjatura fil-bidu u fl-aħħar tas-sentenza. | |
| Juru li jafu jiktbu b'koerenza sentenzi sħaħ. | |
| Juru li jafu jsenslu grupp ta' sentenzi qsar fejn juru assoċjazzjoni ta' ideat u sekwenza. | Jitħeġġu jiktbu żewġ jew tliet sentenzi fuq temi bħal t'hawn fuq/taħt anke bi stampa magħhom.<br>Il-papà jismu Frans. Il-papà raġel twil. Il-papà jħobb il-ħelu.<br>Dan il-kelb sufi. Jismu Rex. Iħobb il-laħam. |
| **2.4.2** Iwasslu tifsir minn kliem, sentenzi u stejjer qosra. | |
| Juru li jafu jpinġu mill-immaġinazzjoni tagħhom sitwazzjonijiet sempliċi mqanqla minn stejjer u avvenimenti li jkunu semgħu jew qraw. | Jitħeġġu joħolqu Tesawru bi stampi, kliem u frażijiet u fuq kollox b'sentenzi qsar. Jista' jinbena fuq TEMI jew f'ordni alfabetiku f'paġni. (Titħalla għad-diskrezzjoni ta' l-għalliema). |
| Juru li jafu jiktbu sentenzi qsar imqanqla minn tpinġija/grafika abbinati ma' storja. | |
| **Jiktbu sentenzi fejn mhux biss idaħħlu isimhom u kunjomhom, iżda ismijiet oħrajn.** | Barra milli jiktbu fil-qosor għandhom jitħarrġu fit-traskrizzjoni u ikkupjar ta' ismijiet. |
| **2.4.3** Jiktbu l-ismijiet tal-membri tal-familja abbinati ma' l-omm, il-missier, l-aħwa u n-nanniet. | Bir-ritratti jistgħu joħolqu album tal-familjari u jiktbu taħt:<br>In-nanna Gerit. In-nannu Ġann. Ħija Stefan. Oħti Anna.<br>Ommi Marta. Missieri Fredu. Iz-ziju Leli. Iz-zija Marì. |
| Jiktbu dettalji qsar fuq inviti u kartolini ppreparati bħala taħriġ. | Fuq inviti jdaħħlu l-ismijiet tal-mistednin. Fuq kartolini jiktbu xewqat għal: Jum l-Omm/Jum il-Missier, il-Milied, eċċ. |
| Jiktbu sentenzi qsar li jidentifikaw familjari u ħbieb. | Pawlu Fava marid. Anna Cassar tiġri. Frans Borg jikteb.<br>In-nannu Pawlu ċempel. Iz-zija Tona waslet. |

| It-Tqanqil mill-Vokabularju | |
|---|---|
| **2.4.4** Kull kitba għandha tirrifletti l-vokabularju akkwistat permezz tat-tliet ħiliet l-oħra. It-tfal għandhom juru l-ħila li jafu jesprimu ruħhom, l-ewwel fuq mistoqsijiet li jiggwidawhom, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni individwali. | Għandhom jingħataw kull opportunità biex jesprimu ruħhom, għall-bidu fuq mistoqsijiet li jiggwidawhom u permezz ta' stampi, imbagħad bit-tqanqil ta' l-immaġinazzjoni. |
| **Attitudnijiet lejn it-Tagħlim** | |
| **2.4.5** Juru li jafu jiktbu ġemgħat żgħar ta' sentenzi dwar dak li semgħu jew qraw. | . |
| **2.4.6** Juru l-ħila tal-kitba kreattiva permezz ta' ftit sentenzi f'sekwenza. | B'sens ta' ekwità għandu jingħata kull spazju fiżiku fil-klassi u barra minnha biex kull espressjoni kreattiva tat-tfal titpoġġa għall-wiri biex (i) tkun apprezzata minn kulħadd; (ii) permezz ta' hekk il-wiri jservi ta' tqanqil għall-oħrajn; u (iii) fuq kollox jibda dieħel sens ta' sodisfazzjon u ta' inizjattiva f'dawk li jkunu għamlu x-xogħol. Għandha tingħata kull għajnuna biex ħadd ma jitħalla barra. |